

Brussell, 6 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14470/23

INST 406
POLGEN 146
AG 122

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Programmazzjoni leġiżlattiva - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Introduzzjoni

1. Fl-2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jsaħħu l-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-Unjoni permezz tal-ftehim interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet¹ (paragrafi 4 sa 11 tal-Ftehim). Fl-2016 ukoll, il-Kunsill approva l-arranġamenti prattiċi tiegħu dwar il-programmazzjoni annwali².
2. Kemm il-programmazzjoni pluriennali kif ukoll il-programmi annwali suċċessivi għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li t-tliet istituzzjonijiet, li kull waħda minnhom taġixxi skont is-setgħat u l-prerogattivi tagħha stess, jaħdmu flimkien b'mod effettiv biex jiksbu l-oġġettivi politiċi komuni tal-Unjoni.

¹ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

² 6879/16

3. F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (paragrafu 6), il-Kummissjoni għandha tidħol fi djalogu mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, kemm qabel kif ukoll wara l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma annwali tagħha. Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Settembru 2023, il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) kellu skambju ta' fehmiet abbażi tal-*Ittra ta' intenzjoni*³ tal-Kummissjoni, li ddeskriviet l-elementi ewlenin li jiggwidaw it-tħejjija tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024.

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024

4. Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024⁴ jinkludi sitt ambizzjonijiet ewlenin, 15-il objettiv politiku ġdid, żewġ sa ħames inizjattivi leġiżlattivi ġodda u sitt proposti għal irtirar, flimkien mal-identifikazzjoni ta' 154 fajl prijoritarju li għaddejjin.

Jidentifika wkoll tnaqqis tal-piż għan-negozji, l-amministrazzjonijiet u ċ-ċittadini bħala prijorità orizzontali, inkluż 41 proposta u inizjattiva biex jirrazzjonalizzaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-UE, partikolarment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u negozji ġodda (li 36 minnhom tressqu qabel il-programm ta' ħidma għall-2024 jew miegħu u ħamsa għandhom jiġu ppreżentati wara) u 16-il evalwazzjoni u kontroll tal-idoneità.

5. Fil-15 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ser tippreżenta l-programm ta' ħidma tagħha għall-2024 lill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali), li ser ikollu skambju ta' fehmiet dwaru.
6. Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-mistoqsijiet tal-Presidenza għall-iskambju ta' fehmiet.

³ 12541/23

⁴ 13917/23 + ADD 1

Programmazzjoni leġiżlattiva: Skambju ta' fehmiet

Fi żmien ta' kunflitt kontinwu u akbar fil-viċinat, minbarra l-kriżijiet klimatiċi, tas-saħħa u tal-għoli tal-ħajja li l-istituzzjonijiet u s-soċjetajiet tagħna kienu qed jiffaċċaw f'dawn l-aħħar ftit snin, l-Unjoni Ewropea qed tħejji ruħha għal sena deċiżiva għall-futur tagħha. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2023⁵, il-Kunsill Ewropew innota li quddiem sfidi dejjem aktar kumplessi l-Unjoni Ewropea teħtieġ bażi ekonomika b'saħħitha li tiżgura l-kompetittività dejjiema tagħha u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm internament kif ukoll fil-livell dinji b'Suq Uniku li jiffunzjona bis-sħiħ u l-erba' libertajiet tiegħu fil-qalba tagħha. Huwa ssottolinja wkoll il-ħtieġa li titħaffef il-ħidma f'għadd ta' oqsma, inkluż it-tnaqqis tal-piż regolatorju.

Fl-istess spirtu, il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024, l-aħħar wieħed adottat fil-leġiżlatura attwali, jagħti prijorità lit-twettiq ta' proposti leġiżlattivi pendenti fuq inizjattivi ġodda kif ukoll lit-tnaqqis tal-piż amministrattiv u r-rekwiżiti ta' rappurtar.

Għall-iskambju ta' fehmiet dwar il-programmazzjoni leġiżlattiva fil-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tal-15 ta' Novembru 2023, il-Presidenza tixtieq tistieden lid-delegazzjonijiet biex jiffukaw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Liema oqsma politiċi jew temi għandhom jiġu trattati bi prijorità qabel tmiem il-leġiżlatura 2019-2024? U liema jistħoqqilhom attenzjoni wara l-2024?
- Fil-lista ta' proposti li takkumpanja l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024, liema proposti ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja (goddha u/jew pendenti) għandhom jiġu enfasizzati hekk kif joqrob tmiem il-leġiżlatura attwali?

⁵ EUCO 14/23